

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0351(NLE)

14182/23
ADD 1

LIMITE

UD 223
POLCOM 241

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 579 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 579 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 579 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA



Brussell, 12.10.2023
COM(2023) 579 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament

**[Abbozz ta'] RAKKOMANDEZZJONI Nru .../... TAL-KUMITAT KONĠUNT
TAL-KONVENZJONI REĠJONALI DWAR IR-REGOLI PREFERENZJALI
TAL-ORIĠINI PAN-EWRO-MEDITERRANJI**

ta' ...

fir-rigward tal-użu ta' ċertifikati ta' moviment maħruġa elettronikament

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(2)(b) tagħha,

Billi:

- (1) Fil-bidu tas-sena 2020, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (il-Konvenzjoni tal-PEM) ġew infurmati mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-impossibbiltà li jiffaċċjaw il-maġġoranza tas-sħab kummerċjali li jipprovdu ċertifikati tal-moviment għal skopijiet ta' oriġini preferenzjali fil-forma dovuta (jiġifieri miktuba bl-idejn, ittimbrati b'linka mxarra jew fil-format tal-karta t-tajba), peress li f'għadd ta' Partijiet Kontraenti kienu ġew sospiżi l-kuntatti bejn l-amministrazzjonijiet doganali u l-operaturi ekonomiċi minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- (2) Il-maġġoranza l-kbira tal-Partijiet Kontraenti qiesu li huwa xieraq li jiġu adottati miżuri eċċezzjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-arranġamenti kummerċjali preferenzjali koperti mill-Konvenzjoni tal-PEM. Dawn il-miżuri eċċezzjonali kienu applikabbli fuq bażi reċiproka mis-sħab kummerċjali li kienu interessati, bl-użu tad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-regoli tal-oriġini tal-arranġamenti.
- (3) Matul il-pandemija tal-COVID-19, xi Partijiet Kontraenti żviluppaw jew adattaw is-sistemi elettroniċi eżistenti li joħroġu ċertifikati b'mod elettroniku biex jibbilanċjaw il-ħtieġa għall-flessibbiltà mal-konformità mar-rekwiżiti dwar il-format taċ-ċertifikati tal-moviment deskritti fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-PEM, b'mod partikolari fl-Artikolu 16(2), u fl-Anness III a u fl-Anness III b.
- (4) L-awtoritajiet doganali ġew mistiedna jaċċettaw ċertifikati ta' moviment għal skopijiet preferenzjali, maħruġa elettronikament b'firma diġitali, timbru jew siġill tal-awtoritajiet kompetenti, jew kopja f'forma stampata jew elektronika (skennjata jew disponibbli online).
- (4) Din il-prattika kienet ibbażata fuq l-użu tal-flessibbiltà prevista fl-Artikolu 24 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-PEM dwar is-sottomissjoni tal-provi tal-oriġini. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi li l-provi tal-oriġini għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż (jew territorju) importatur f'konformità mal-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż.
- (6) Waħda mill-Partijiet Kontraenti talbet li jinżamm l-*istatus quo* tal-flessibbiltà introdotta minn dawn il-miżuri eċċezzjonali sabiex l-operaturi ekonomiċi jibbenefikaw minn diġitalizzazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment.

- (7) Il-Kumitat Konġunt ġie infurmat b'din it-talba waqt il-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2022.
- (8) Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-benefiċċju tal-esperjenza tal-kummerċ preferenzjali skont il-miżuri eċċezzjonali adottati minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- (9) Il-Partijiet Kontraenti jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jkomplu l-prattiki tajbin introdotti taħt il-miżuri eċċezzjonali matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li rrikonoxxew l-importanza li jiġu introdotti mezzi elettroniċi u li jaħdmu flimkien lejn sistema komuni bbażata fuq provi ta' oriġini elettroniċi u kooperazzjoni amministrattiva elettronika fir-reġjun tal-PEM.
- (10) Is-sistemi mfassla għall-ħruġ elettroniku taċ-ċertifikati tal-moviment jenħteġ li joffru l-possibbiltà għall-awtoritajiet doganali li jivverifikaw minnufih l-awtentività tagħhom.
- (11) Il-Partijiet Kontraenti jqisu li l-bidla lejn sistema li toħroġ ċertifikati tal-moviment elektronikament u li tipprevedi kooperazzjoni amministrattiva elettronika skont il-qafas tal-Konvenzjoni tal-PEM tikkostitwixxi l-ewwel passi lejn diġitalizzazzjoni sħiħa tal-provi tal-oriġini fuq l-iskala taż-żona tal-PEM, speċjalment fid-dawl tal-adozzjoni li jmiss tal-Konvenzjoni tal-PEM riveduta.
- (12) Mill-1 ta' Settembru 2021, diġà daħal fis-seħħ network ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tal-oriġini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-PEM li jagħmel applikabbli r-regoli tranżizzjonali¹. Dawn ir-regoli jippermettu l-użu ta' ċertifikati ta' moviment maħruġa elektronikament. Sakemm tiġi adottata l-Konvenzjoni tal-PEM riveduta fost il-Partijiet Kontraenti kollha, ir-regoli tranżizzjonali huma applikabbli b'mod parallel mal-Konvenzjoni tal-PEM.
- (13) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost iż-żewġ settijiet ta' regoli tal-oriġini applikabbli b'mod parallel u sakemm tiġi adottata l-Konvenzjoni tal-PEM riveduta li se tissostitwixxi ż-żewġ settijiet ta' regoli tal-oriġini, huwa xieraq li tiġi rakkomandata l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa b'mod elettroniku skont il-qafas tal-Konvenzjoni tal-PEM,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa elektronikament meta jiġu sottomessi waqt l-importazzjoni sakemm:

- (a) iċ-ċertifikati ta' moviment maħruġa elektronikament ikollhom formola simili għall-kampjun deskritt fl-Anness III a u III b tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni tal-PEM;
- (b) l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi jipprevedu sistema online sigura bbażata fuq il-web biex tiġi vverifikata l-awtentività taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa elektronikament meta l-istruzzjonijiet għall-istampar deskritti fl-Anness III a u III b ma jiġux issodisfati (eż. nuqqas ta' disinn guilloche aħdar stampat fl-isfond, timbru tal-linka mxarra, firma miktuba bl-idejn);

¹ ĠU C 51, 10.2.2023, p. 1

- (c) iċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament ikollhom numru tas-serje uniku, u, jekk disponibbli, karatteristiċi ta' sigurtà li bihom ikun jista' jiġi identifikat; kif ukoll
- (d) id-data minn meta Parti Kontraenti tibda toħroġ ċertifikati ta' moviment elettroniċi tiġi ppubblikata fl-avviżi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C) u skont il-proċeduri proprji fil-Partijiet Kontraenti.

Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi li tissospendi l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-moviment maħruġa elettronikament meta l-kundizzjonijiet elenkati hawn fuq ma jkunux issodisfati u għandha tinforma bil-quddiem lill-Partijiet Kontraenti l-oħra permezz tas-segretarjat tal-Kumitat Konġunt tal-PEM. F'dak il-każ, l-avviżi kif imsemmija fil-punt "d." għandhom jindikaw id-data tal-bidu tas-sospensjoni.

Magħmul fi [Brussell], [29 ta' Novembru 2023],

*Għall-Kumitat Konġunt
Il-President*